



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Diċembru 2017  
(OR. en)

15701/17  
ADD 1

PV/CONS 77

### ABBOZZ TA' MINUTI

---

Suġġett: **It-3588** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**Affarijiet Ġenerali**) li saret fi Brussell fit-12 ta' Diċembru 2017

---

## PUNTI TA' DELIBERAZZJONI PUBBLIKA<sup>1</sup>

Pàġna

### PUNTI "A"

2.	Approvazzjoni ta' punti "A" .....	3
a)	Lista mhux leġislattiva .....	3
b)	Lista leġislattiva .....	4
	<b><u>Affarijiet Ġenerali</u></b>	
1.	Regolament li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP) .....	4
2.	Rapport ta' progress tal-Presidenza dwar l-Adattament tal-RPS .....	5

\*

\* \*

---

<sup>1</sup> Deliberazzjonijiet dwar atti leġislattivi tal-Unjoni (Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea), deliberazzjonijiet oħra miftuħa għall-pubbliku u dibattiti pubbliċi (Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill).

## PUNTI "A"

2. **Approvazzjoni ta' punti "A"**  
a) **Lista mhux leġislattiva** 15551/17

Il-Kunsill adotta l-Punti "A" kif jinsabu fid-dok. 15551/17.

Għall-punti li ġejjin, id-dokumenti relatati għandhom jaqraw kif ġej:

### Atti Delegati jew ta' Implimentazzjoni

7. Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru .../. tal-14.11.2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispjefikaw il-kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' metodoloġija għall-valutazzjoni tal-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet jew l-entitajiet  
*Att delegat - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet*  
approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-06.12.2017 14905/17  
14379/17  
**+ COR 1 (fi)**
8. Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../. tas-17.11.2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-obbligu ta' negozjar għal ċerti derivattivi  
*Att delegat - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet*  
approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-06.12.2017 14909/17  
14544/17  
**+ COR 1**  
**+ ADD 1**

### Affarijiet Barranin

9. Appoġġ għall-operazzjonijiet ta' tindif f'dak li qabel kien is-sit tal-ħażna ta' armi kimiċi fil-Libja - Deċiżjoni  
*Adozzjoni*  
approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-06.12.2017 15215/17  
14467/17  
**+ COR 1 (hr)**
10. Appoġġ għall-qerda tal-armi kimiċi Sirjani - Deċiżjoni  
*Adozzjoni*  
approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-06.12.2017 15219/17  
14914/17  
**+ COR 1 (it)**  
**+ COR 2 (sv)**

Dikjarazzjoni b'rabta ma' dawn il-punti tinsab fl-Anness għad-dokument 15701/17  
INIT.

b) **Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

15552/17

**Affarijiet Ġenerali**

1. **Regolament li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP)**



15536/17

*Approċċ ġenerali*

approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-11.12.2017

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta li tinsab fl-Anness għad-dokument 15536/17.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar il-finanzjament tal-EDIDP**

"Mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-awtorità tal-baġit, jenħtieġ li l-baġit totali għall-implimentazzjoni tal-Programm isir disponibbli esklużivament permezz ta' riallokazzjonijiet taħt is-Subintestatura 1a tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu 2014-2020.

Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istituzzjonijiet kollha biex isibu raġuni komuni għall-finanzjament tal-EDIDP esklużivament permezz ta' riallokazzjonijiet fl-Intestatura 1a. Il-Kunsill ma japprovax l-approċċ tal-Kummissjoni li l-finanzjament jinqasam bejn riallokazzjonijiet u l-użu tal-marġini fil-proposta inizjali tagħha."

**Dikjarazzjoni mill-Italja**

"L-interpretazzjoni Taljana tal-Artikolu 6.5 tal-Proposta għal Regolament hija li r-referenza għal impriżi stabbiliti fl-Unjoni u kkontrollati minn pajjiżi terzi jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi hija applikabbli biss għall-impriżi li mhumiex eliġibbli skont l-Artikolu 6.4. L-ispejjeż marbuta mal-parteciġazzjoni tagħhom f'azzjoni eliġibbli biss m'għandhomx ikunu eliġibbli għal finanzjament taħt il-Programm.

Anki jekk dawn l-impriżi jiġu identifikati bl-użu tal-istess definizzjoni użata fl-Artikolu 6.4, dawn iridu jitqiesu bħala kategorija differenti ta' impriżi, mingħajr ma jkun hemm interferenza mal-applikazzjoni tal-Artikolu 6.4 li jawtorizza impriża kkontrollata minn pajjiżi terzi jew entitajiet ta' pajjiżi terzi biex ikunu eliġibbli bħala beneficijarju jew sottokuntrattur taħt il-kondizzjonijiet speċifiċi indikati."

2. **Rapport ta' progress tal-Presidenza dwar l-Adattament tal-RPS**  
approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-06.12.2017



14916/17  
10170/17 + COR 1  
5623/17  
**+ REV 1 (hu)**  
+ ADD 1 REV 1

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza dwar l-Adattament tal-RPS li tinsab fid-dokument 14916/17.



L-ewwel qari



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

---